PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9432 — Allianz Holdings/Legal and General Insurance)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 291/04)

1. Fit-22 ta' Awwissu 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Allianz Holdings plc ("Allianz", ir-Renju Unit),

— Legal and General Insurance Limited ("L&G Insurance", ir-Renju Unit).

Allianz takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll waħdani ta' L&G Insurance.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Allianz hija parti mill-grupp Allianz, fornitur dinji ta' servizzi finanzjarji attiv predominentement fir-rigward ta' prodotti tal-assikurazzjoni tal-ħajja u ta' prodotti tal-assikurazzjoni mhux fuq il-ħajja (inkluża l-assikurazzjoni tal-annimali domestiċi), kif ukoll ġestjoni tal-assi;

— L&G Insurance tipprovdi prodotti tal-assikurazzjoni mhux fuq il-ħajja fir-Renju Unit (inkluża l-assikurazzjoni tal-annimali).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9432 — Allianz Holdings/Legal and General Insurance

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").